MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 301/2006

**T.A.L. Limited**

**vs**

**Alfred Balzan**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti:

1. L-esponent John Sammut huwa direttur u ghandu ir-rapprezentanza legali tas-socjeta' attrici T.A.L. Limited.

2. L-istess socjeta' T.A.L. Limited hija inkwilina tal-fabbrika A23B, fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, b'kuntratt minghand il-Malta Industrial Parks Limited datat 23 ta' Jannar, 2006.

3. L-intimat Alfred Balzan qieghed jokkupa abbuzivament u minghajr ebda titolu legali il-parti minn l-istess fabbrika mikrija lill-esponenti, maghrufa bhala l-*open area*, u indikata bl-isfar fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dokument TAL 1.

4. Permezz ta' ittra legali tal-1 ta' Frar, 2006, u ittra ufficcjali tat-3 ta' Marzu, 2006 s-socjeta' attrici interpellat lill-intimat sabiex jizgombra mill-ambjenti tal-fabbrika okkupati minnu u li jirrilaxxjhom favur taghha.

5. Madankollu, l-intimat baqa' inadempjenti u ghadu qed jokkupa sallum l-istess ambjenti abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

6. Jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi l-intimat ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-izgumbrament tieghu mill-parti tal-fabbrika okkupata minnu kif fuq spjegat, u safejn jaf ir-rikorrent l-intimat m'ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba attrici.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2) konsegwentement, tordna lill-istess konvenut intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti jizgombra mill-parti tal-fabbrika A23B, fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, li huwa qieghed jokkupa abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi u li jirrilaxxjha u vojta favur is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Frar, 2006 u tat-3 ta' Marzu, 2006, kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha ta’ illum stess li *in forza* tieghu cahdet it-talba tal-konvenut li jkun awtorizzat jikkontesta l-kawza;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja ta’ l-intimat tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat, u ghall-fini tat-tieni talba tipprefiggi terminu ta’ gimghatejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------